MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 829/2012

**APS Bank Ltd (C2192)**
**VS**
**Joseph Azzopardi (Karta ta' l-identita numru 21443M) u martu Antonia Azzopardi (Karta ta' l-identia numru 301747M)**

Il-Qorti :

Rat l-att tar-rikors mahluf mressaq fil-21 t'Awwissu 2012, li jaqra hekk:

*1. Illi permezz ta` kuntratt fl-atti ta` Nutar Gerard Spiteri Maempel tat-tmienja u ghoxrin (28) ta'Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) (Dok. A), il-Bank rikorrenti kkonceda lill-intimat,'in solidum' bejniethom facilita` ta`self tas-somma ta'mija u hamsin elf Liri Maltin (Lm150,000) ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin elf u erbgha mija u sitt Euro (€349,406.00) taht il-pattijiet u*

*kondizzjonijiet kollha msemmija u pattwiti fl-istess kuntratt u s-sanction letters relattivi (Dok B, C u D);*

*2. Illi l-intimati jinsabu moruzi fil-konfront tas-socjeta rikorrenti stante li l-imsemmija facilita' ta' self u l-imghaxijiet relattivi kellhom jithallsu lura kollha sal-31 ta' Dicembru 2010 izda baqghu ma thallsux minkejja l-fatt li skada t-terminu pattwit li fih kellhom jithallsu lura l-imsemmija soma misflufa u l-imghaxijiet relattivi;*

*3. Illi ghalhekk l-intimati jinsabu moruzi fl-obligazzjonijiet u pagamenti minnhom pattwiti permezz tal-precitat kuntratt notarili u permezz tas-sanction letters relattivi u l-intimati kisru ukoll l-"Events of Default" stipulati u pattwiti fl-istess kuntratt notarili u sanction letters;*

*4. Illi l-intimati gew nterpellati diversi drabi sabiex jottemperaw ruhhom mal-obligazzjonijiet minnhom assunti u pattwiti permezz tal-precitat kuntratt notarili u sanction letter relattivi, izda xorta wahda baqghu inadempjenti;*

*5. Illi l-bilanc ta` debitu dovut illum mill-intimati 'in solidum' lill-Bank rikorrenti, skond l-imsemmija facilita', ta self jammonta ghas-somma ta` erba' mija u erbghat elef, tmien mija u sitta u hamsin Euro u hdax –il centezmu (€404,856.11) dovuta kwantu ghas-somma ta` tlett mija u tmienja u erbghin elf u erbghatax il-Euro u sebghin centezmi (€348,014.70) bhala bilanc ta` debitu ta` Loan Account Numru 20000491546 (Dok E) u kwantu ghas-somma ta` hamsa u hamsin elf, seba' mija u wiehed u disghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€55,791.22) bhala bilanc ta` debitu ta` 'Interest Disposal Current Account' numru 20000946683 (Dok. F), u kwantu ghas-somma ta` elf u hamsin Euro u dsatax –il centenzmu (€1,050.19) bhala bilanc ta` debitu ta` "Interest Disposal Current Account" numru 20000946672 (Dok. G) u dana oltre l-interessi ulterjuri b`effett mill-1 ta` Lulju 2012 sad-data tal-pagament effettiv;*

*6. Illi l-intimati gew nterpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-imsemmi debitu, anke permezz ta` ittra ufficjali (Dok. H), izda baqghu inadempjenti.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja dikjarazzjoni illi l-intimati tilfu kull beneficcju tat-terminu lilhom koncess:*

*1) Tiddikjara illi l-intimati huma moruzi u inadempjenti fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti stante li l-imsemmmi self u imghaxijiet relattivi baqghu ma thallsux lura minkejja l-fatt li skada t-terminu pattwit li fih kellhom jithallsu lura l-imsemmija somma mislufa u l-imghaxijiet relattivi ; u*

*2) Tikkundanna lill-intimati, 'in solidum' bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmija somma ta` erba' mija u erbghat elef, tmien mija u sitta u hamsin Euro u hdax –il centezmu (€404,856.11) dovuta kwantu ghas-somma ta` tlett mija u tmienja u erbghin elf u erbghatax il-Euro u sebghin centezmi (€348,014.70) bhala bilanc ta` debitu ta` Loan Account Numru 20000491546 (Dok E) u kwantu ghas-somma ta` hamsa u hamsin elf, seba' mija u wiehed u disghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€55,791.22) bhala bilanc ta` debitu ta` 'Interest Disposal Current Account' numru 20000946683 (Dok. F), u kwantu ghas-somma ta` elf u hamsin Euro u dsatax –il centenzmu (€1,050.19) bhala bilanc ta` debitu ta` "Interest Disposal Current Account" numru 20000946672 (Dok. G) u dana oltre l-interessi ulterjuri b`effett mill-1 ta` Lulju 2012 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjes kollha kontra l-intimati 'in solidum' inkluzi dawk tal- Mandat ta` Sekwestru prezentat kontestwalment ma` dan ir-Rikors Guramentat, u bl-interessi ulterjuri b`effett mill-1 ta` Lulju 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati 'in solidum' mill-lum ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati skond il-ligi bl-atti tar-rikors mahluf u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, pero` ma pprezentawx risposta mahlufa;

Rat ix-xhieda u dokumenti prodotti mill-bank attur u cioe'Josianne Gauci li kkonfermat bil-gurament ir-rikors promotorju u li ma thallas xejn mir-rikorrenti, fil-mori tal-kawza. Gauci ezebit ukoll Dok. JG1 u 2 ;

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar 2013 illi bih ir-rikorrenti Azzopardi ammetta illi l-ammont huwa dovut;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

**Peress illi il-provi m'humiex kontradetti anzi tirrizulta ammissjoni cara da parti ta' l-intimat Joseph Azzopardi, t-talbiet indikati fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati skond il-Ligi.**

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti kontra l-intimati, bl-interessi ulterjuri, u bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotorju a karigu tal-istess intimati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------